PA 214

4 ta' Gunju 2019

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 6 JUN 2019
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

*Nru. ta' l-Applikazzjoni:* *PA/2335/07*
*Lokazzjoni:* *Site at Triq Burmarrad, Burmarrad*
*Ref. Taghna:*
*Ref. Tribunal:*

**Bonnici Vincent**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2007, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 2335/07.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Board ta' l-Ippjanar (Bord) u ppublikata fit- 8 ta' Mejju 2019, l-istess Bord approva il- permess izda impona planning gain fl-ammont ta' erba u disghin elf mitejn u hamsin Euro (EUR 94,250).

Bid-dovut rispett, l-appellant ihoss ruhu aggravat minn dik il-parti tad-decizjoni fejn kien hemm l-imposizzjoni tal-planning gain fuq imsemmija, u qieghed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annessi:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellanti jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Illi huwa car illi l-Bord ta' l-Ippjanar fi hdan l-Awtorita hareg xi forma ta' struzzjoni sabiex progetti kbar jibda jkollom l-obbligu li jhallsu planning gain ikkalkulata bir-rata ta' EUR 25/sqm.

1.2 Illi dan johrog car mill-Case Officer Report.

1.3 Illi certament li minkejja id-dritt tal-Bord li jimponi obbligu ta' hlas, skont l-artikolu 79 tal- Kap. 552, dan id-dritt jrid ikun risultat ta' cirkostanzi fejn l-istess Bord ihoss li l-imposizzjoni ta' tali hlas jkun "aktar xieraq".

1.4 Illi izjed minn hekk, filwaqt li id-Direttorat irrakommanda plannign gain ta' tnejn u erbghin elf Euro (EUR 42,000), il-Bord, minnghajr l-ebda spjegazzjoni zied dina ghall-ammont ta' erbgha u disghin elf mitejn u hamsin Euro (EUR 94,250). Dan minnghajr l-ebda spjega dwar kif wasal ghal tali imposizzjoni ta' hlas u kif l-istess tikkostitwixxi decizjoni xierqa. Dan izjed u izjed fil-kuntest ta' obbligi ohra imposti fuq is-sit fosthom, ir-rilokazzjoni ta' fuel station ezistenti.

1.5 Illi huwa car illi l-Bord ma ghamel xejn minn dan ghaliex kontra dak provdut fil- Kap. 552, issetja u holoq regola generali meta l-istess Bord m' ghandux is-seta li jaghmel dan, stante li skont il-Kap. 552, l-istess Bord m' ghandux gurisdizzjoni li jissetja policy jew regoli generali bhal dawn. Illi skont il- Kap. 552, dik is-seta tispetta lill-Kunsill Ezekuttiv ta' l-Awtorita.

1.6 Illi din il-procedura zbaljata tkompli turi id-difett procedurali stante li filwaqt li l-Bord ihossu marbut b' din il-policy minnu stess issetjata, certament li l-istess ma torbotx fuq entitajiet, bhal ma huwa dan it-Tribunal, li ukoll ghandu is-seta li johrog permessi ta' l-izvilupp, anke ta' *Major Developments*, minnghajr il-htiega ta' riferenza lura lill-Bord ta' l-Ippjanar.

1.7 Illi huwa car illi anke id-Direttorat ta' l-Ippjanar fl-analizi ta' l-applikazzjoni juri ir-rabta u l-obbligu li hemm meta b' mod oggettiv hadem il-kalkolu ta' l-istess hlas a bazi ta' dik ir-rata li l-Bord applika b' mod generiku f' kull kaz.

1.8 Illi oltre dan, ir-rata hekk imposta hija eccessiva u tohloq zbilanc oltre li tmur kontra ir-regoli stabbilit fil-Kap. 552.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlobu li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jimmodifika id-decizjoni mehuda mill-Bord fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkazzjoni billi, filwaqt li jikkonferma id-decizjoni ta' l-stess Bord, jemendha billi jhassar u jikkancella dik il-kundizzjoni li a bazi taghha gie impost fuq l-appellant l-obbligu tal-hlas ta' planning gain fl-ammont ta' erbgha u disghin elf mitejn u hamsin Euro ((EUR 94,250), u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Elenku tax-xiedha:

1. Id-Direttur ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-posizzjoni tad-Direttorat u fatti ohra.
2. Is-Segretarju tal-Bord ta' l-Ippjanar sabiex jixhed fuq il-fatti.

Bir-Rispett,

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**